










# IL-MISTIĊI





**JEANNE D’ARC,**
**PURITÀ U QLUBIJA**

**ĠULJANA TA’ NORWICH,**
**BEJN IL-KATIDRAL U T-TRIQ**

**MEISTER ECKHART,**
**ŻIFFA TA’ LIBERTÀ**

**SERAFIM TA’ SAROV,**
**KAMRA FIL-FORESTA**

**KWAJA AL-ANSARI,**
**IL-‘KAVALLERIJA SPIRITWALI’**

**TEREŻA TAL-BAMBIN ĠESÙ,**
**“IL-VOKAZZJONI TIEGĦI HI L-IMĦABBA”**

**CHARLES DE FOUCAULD,**
**IS-SEJĦA TAD-DEŻERT**

# IL-MISTIĊI

## JEANNE D'ARC, PURITÀ U QLUBIJA

Dak li jolqotna mill-ewwel fil-qaddisa mistika Jeanne d'Arc hu li l-avventura tagħha tieħu biss firxa ta' sentejn, mil-liberazzjoni tal-belt ta' Orléans, fl-1429, sal-ħuġġieġa li temmitilha ħajjitha f'Rouen, fl-1431.

Lil Jeanne d'Arc nafuha bħala Giovanna d'Arco u Joan of Arc. M'hemmx ħjiel ċar minn fejn ġie isimha imma jista' jkun li *d'Arc* hi parti mill-kunjom ta' missierha, li hawn min jgħid li kien *Darc*. Dak iż-żmien ma kinux jużaw l-apostrofu u aktar tard qiegħdu apostrofu wara l-ewwel ittra, hekk li ġiet *d'Arc*.

L-ewwel xogħol letterarju dwar Jeanne d'Arc deher fl-1450. F'dan iż-żmien ir-Re ta' Franza Karlu VI ried li jerġa' jinfetaħ il-proċess ta' Jeanne d'Arc biex b'hekk hija tiġi riabilitata u magħrufa bħala eroijna fil-pajjiż. Ir-Re kellu l-interess li Jeanne d'Arc tkun magħrufa fil-veru dawl tagħha, għax b'dan kien jagħti aspett divin lir-renju tiegħu.



Jeanne, tfajla bla ebda ħsibijiet għoljin, minn dak li kien il-villaġġ ta' Domrémy, tinkarna fiha s-sentiment nazzjonali. It-Tielet Repubblika ta' Franza kabbret l-għarfien ta' Jeanne d'Arc, imbagħad ġiet mogħtija importanza minn Vichy, l-istat Franċiż ta' żmien Philippe Petain, fit-Tieni Gwerra dinjija u wkoll mil-lemin estrem. Flimkien ma' Napuljun, Jeanne d'Arc hi figura storika li l-aktar ġiet ivvutata mill-Franċiżi, għalkemm fl-istess ħin ħafna kienu jinjoraw ir-realtà tagħha u jqisuha bħala leġġenda.

**Franza ta' żmien Jeanne D'Arc**

Jeanne d'Arc twieldet f'Domrémy fl-1412, minn familja komuni. Franza kienet għaddejja minn taqlib kbir nazzjonali minħabba l-ġwerra ċivili li fiha kienet imdaħħla potenza qawwija, l-Ingilterra. L-università ta' Pariġi, bir-rettur tagħha Pierre Cauchon, Isqof ta' Beauvais, stabbiliet monarkija doppja, Ingliża u Franċiża fl-istess ħin.

Jeanne kibret f'nofs il-gwerra msejħa tal-100 sena, li karkret bejn l-1337 u l-1453 u li tant ħalliet ġrieħi fi Franza, pajjiż li kien immexxi minn Reġġent li xejn ma kien f'sensih. Matul dan kollu, id-*dauphin*, l-eredi għat-tron, kien taħt l-età u kien għadu ma ġiex inkurunat. Kien żmien meta Franza kienet mifruda fiha nfisha, bl-armati ta' Bourgogne flimkien mal-Ingliżi, jikkontrollaw in-naħa ta' fuq u d-*dauphin* in-naħa t'isfel, sostnut mill-Armagnacs ta' Pariġi. Kien żmien deskritt bħala ta' ħasra għar-renju ta' Franza.

Minn dak li nafu, Jeanne kienet tfajla twajba u li darba fil-ġimgħa kienet tmur f'eremitaġġ f'Domrémy. F'dik l-epoka tant imqallba, ta' sofferenzi, ta' inċertezzi u ta' inkwiet kbir intellettwali u spiritwali, 'l hemm u 'l hawn irġiel u nisa bdew ifittxu s-saħħa, il-konsolazzjoni u ċ-ċertezza fir-relazzjoni tagħhom ma' Alla.

**L-ilħna**

Kien f'dan il-kuntest li Jeanne, ta' 13-il sena, semgħet leħen jgħidilha li Alla se jgħinha biex tmexxi l-armata tar-Re. Kien hawn li l-arkanġlu San Mikiel qalilha li se teħles lil Orléans mill-għedewwa u li se twassal id-*dauphin*, li issa sar ir-Re Karlu VII, f'Rheims. Santa Margerita u Santa Katerina ħabbrulha li se tiġi maqbuda u maħruqa.

F'dan iż-żmien Domrémy ġiet mogħtija n-nar u Jeanne d'Arc u l-ġenituri tagħha kellhom iħallu l-villaġġ. Jeanne marret tliet darbiet għand il-kaptan tal-armata fil-villaġġ ta' Vaucouleurs, sakemm fl-aħħar dan aċċetta li jgħinha f'dak li xtaqet twettaq. Hekk li fl-aħħar, fl-1429, Jeanne irħitilha lejn Chinon biex tiltaqa' mad-*dauphin*. Meta dehret quddiem il-qorti rjali, m'emmnuhiex u għaddewha minn tliet ġimgħat ta' interrogazzjoni. Ġew imqabbda xi qwiebel biex jivverifikaw jekk dik li sejħulha "La Pucelle", jiġifieri "Il-Qaddejja" kinitx baqgħet verġni.

Il-ġrajja ta' Jeanne d'Arc hi mera tal-istat imħarbat li fih kien sab ruħu l-pajjiż. L-istoriku, jemmen jew ma jemminx, irid jagħti kas tal-ilħna u r-rwol tagħhom fil-liberazzjoni ta' Orléans f'Lulju tal-1429 u l-kisba mill-ġdid tat-tron ta' Rheims.

Ittraduta u mibjugħa mill-Ingliżi lit-tribunal tal-Inkwiżizzjoni, Jeanne ġiet akkużata b'idolatrija, xiżma u ereżija. Qisuha bħala giddieba, saħħara u ħatja li libset ta' raġel. Fil-fatt ġiet ikkundannata biex tkun maħruqa ħajja, u dan kollu raġunijiet politiċi.

**Mistika li tispira qlubija**

Jeanne tinkarna fiha r-reżistenza kontra l-aggressur li wasslet għat-tmiem tal-monarkija doppja. Hi l-kmandant mara, taħt l-armi, li tissimbolizza r-rebħa kontra l-Ingliżi u l-waqgħa tar-rettur tal-Università ta' Pariġi, l-Isqof Pierre Cauchon, kif diġà semmejna. Fil-proċess li wassal għall-kundanna tagħha u li nfetah f'Rouen fid-9 ta' Jannar tal-1431, Jeanne sabet ruħha, ta' 19-il sena, quddiem tribunal immexxi mid-Dumnikani. Il-ħsibijiet ħżiena tal-imħallfin u l-ironija tagħhom jikkuntrastaw maċ-ċarezza tat-tweġibiet ta' Jeanne.

Meta qalet li semgħet lil San Mikiel, staqsewha jekk kienx mingħajr ħwejjeġ. B'ton sod weġbithom: "Alla għandu ħwejjeġ biżżejjed biex bihom jilbes San Mikiel." Wieħed jara s-sinċerità tagħha, l-innoċenza u l-fidi. Hija wiċċ pur u diżinteressat tal-Kristjaniżmu li hi tinkarna, u tal-patrijottiżmu kontra l-ġerarkija ekkleżjastika li kienet imdaħħla fl-istrateġiji politiċi u tal-kalkoli umani.

Ir-rakkont tal-proċess ta' Jeanne d'Arc jaffaxxinana. Tispikka fih il-purità mistika ta' Jeanne quddiem il-ħila u l-manuvri tal-imħallfin tagħha. Jolqotna wkoll il-kuntrast bejn Jeanne u l-istituzzjoni li ma ridetx tilqa' fiha lil min ma riedx jagħmel li trid hi. L-attwalità ta' Jeanne d'Arc tibqa' tgħodd għal kull żmien.

"L-ewwel ma naqdi lil Alla.
Kien Alla li bagħatni.
Mingħajr il-grazzja t'Alla ma nista' nagħmel xejn.
Isir dak li jogħġob lil Alla." *Jeanne d'Arc*

# ĠULJANA TA' NORWICH, BEJN IL-KATIDRAL U T-TRIQ

Meta, fir-rakkonti tal-mistiċi, nitkellmu dwar eremiti, x'aktarx jiġuna f'moħħna nies li tbiegħdu mill-abitant biex jgħixu ħajja ta' kontemplazzjoni, f'ambjent ta' awsterità. Ġuljana ta' Norwich ħadet triq differenti, dik ta' anakoreta, billi rtirat għaliha u baqgħet rekluża f'kamra, imma fil-qalba tal-belt.

Ġuljana kienet tgħix f'Norwich, fil-Lvant tal-Ingilterra, 180 kilometru minn Londra. Iċ-ċella tagħha kellha żewġ twieqi, waħda tinfetaħ għal ġol-knisja u l-oħra tagħti għat-triq. Sa mis-seklu 12, xi nisa bdew jgħixu bħala reklużi, weħidhom jew f'komunità. Beda l-fenomenu tal-*béguinage*, ta' nisa romol li għażlu li jgħixu flimkien f'binja b'ħafna kmamar żgħar.



Ġuljana ta' Norwich, Stephen Reid, 1812

Il-*béguinage* huwa grupp ta' djar mibnijin madwar ġnejna mdaqqsa ta' siġar. Kien risposta ta' nies li kienu qed ifittxu l-kwiet f'dinja li aktar ma' kien għaddej iż-żmien aktar kienet qed issir storbjuża u titbiegħed minn dak li hu tar-ruħ. Ħafna minn dawn in-nisa twajba sfaw weħidhom minħabba li żwiegħom mietu fil-gwerer ta' dak iż-żmien. Għadhom sal-lum il-*béguinage* pittoreski ta' bliet kbar bħal Bruges u Antwerp, fil-Belġju. Huma ta' attrazzjoni għal min iżur dawn il-bliet.

Mill-bqija ftit nafu dwar Ġuljana ta' Norwich. Hawn min jgħid li kienet l-ewwel mara li kitbet ktieb bl-Ingliż. Meta kellha 30 sena ġiet milquta minn marda gravi u ta' madwarha kienu ħasbu li mietet. Malli s-saċerdot li ġie biex jagħmlilha l-griżma tal-morda żamm il-kurċifiss f'idu, Ġuljana qamet hekk kif rat lil Kristu jbati l-passjoni tiegħu u jmut fuq is-salib. Waqt din l-esperjenza Ġuljana ntilfet kemm fil-passjoni ta' Kristu kif ukoll fil-qawmien tiegħu hekk li stejqret ma' din il-viżjoni.

Din il-ġrajja kienet il-magħmudija spiritwali ta' Ġuljana u l-bidu ta'15-il viżjoni, li kellha fi spazju ta' 5 sigħat. L-għada kellha s-16-il viżjoni. Kien wara din l-esperjenza, fl-1373, li Ġuljana għażlet il-ħajja kontemplattiva u ngħalqet fil-binja tal-katidral ta' Norwich. F'din il-kamra kitbet dak li għaddiet minnu f'rivelazzjoni mistika hekk qawwija.

Ġuljana ta' Norwich ma kinitx ta' xi skola. Bilkemm kienet taf taqra u tikteb. Madankollu kienet taf x'qiegħda tgħid, anke f'dak li hu f'livell teoloġiku. Wasslet fil-kitba l-esperjenza tagħha, għall-bidu fil-qosor, lejn l-1374. Imbagħad tul 20 sena kompliet tikteb, bla dubju megħjuna minn teoloġi tal-epoka. Approfondiet l-esperjenzi tagħha bit-talb u bl-istudju u kitbet dwarhom fit-tul fil-*Ktieb tar-Rivelazzjonijiet*. Fih tiddeskrivi s-16-il viżjoni u tagħmel analisi teoloġika bi stil ta' sempliċità.

Sal-mewt tagħha fl-1416, Ġuljana qdiet l-irwol ta' gwida spiritwali ma' diversi nisa. Kienu jżuruha biex jitolbuha l-pariri u hi għenithom wara ħafna dixxerniment. Fost dawn insemmu lil Margery Kempe (1373-1438), mistika lajka Ingliża, mara ta' spiritwalità qawwija, li Ġuljana rfinat u inkuraġġiet.

Ġuljana tgħid li l-viżjonijiet li kellha bidlu lil ħajjitha. F'żgħożitha kienet talbet lil Alla tliet rigali: li tikseb l-għarfien dwar it-tbatijiet ta' Kristu fuq il-Kalvarju, li tkun purifikata bis-sofferenza u li tkabbar l-indiema ta' dnubietha flimkien ma' kompassjoni lejn l-oħrajn u l-għatx għal Alla.

Wieħed jistagħġeb b'din it-tfittxija għas-sofferenza. Madankollu rridu nqisu dan fil-kuntest tal-epoka. Kien żmien iebes ħafna wara l-pesta l-kbira. Għall-bidu tas-seklu 14 il-Kristjaniżmu kien iċċentrat ħafna fuq il-mistika tal-passjoni ta' Kristu, kif żviluppat fl-Italja u l-Ewropa ta' Fuq. Kienu komuni l-purċissjonijiet tal-flaġellanti. Ġuljana, bil-mod tagħha, ħadet din is-sensibbiltà. Il-viżjonijiet li ngħatawlha ppermettew li hi tifhem il-kura immensa li għandu Alla għall-bnedmin u li tapprofondixxi l-qima lejn il-misteru tat-Trinità.



Soru tal-Ordni ta' Ġuljana ta' Norwich

Ġuljana trażmettiet din il-katekeżi lill-oħrajn fi spiritwalità popolari, xi ftit fil-manjera ta' Hildegarde ta' Bingen (1098-1179), Benedittina

Ġermaniża. Il-ktieb ta' Ġuljana, dak tar-*Rivelazzjonijiet* għandu idea ottimista tal-fidi Kristjana u li jikkontrasta mal-kultura tal-epoka tagħha. Fih elementi tal-imħabba ta' Alla fil-ħolqien, il-viżjoni Kristoċentrika, il-passjoni ta' Kristu, is-salvazzjoni għal kulħadd, tagħrif dwar it-Trinità Qaddisa u l-imħabba ta' Alla fil-ħidma tiegħu fil-ħajja tal-bnedmin.

Il-mistika ta' Ġuljana ta' Norwich, bħal dik ta' Meister Eckhart, hi mmarkata bin-nozzjoni tal-profondità tar-ruħ. Eckhart (1260-1329) kien mistiku mir-reġjun ta' Thuringe, il-Ġermanja. Hu awtur ta' diversi kitbiet ta' spiritwalità li wħud minnhom ma ġewx aċċettati fi żmienu. Id-*Djalogu ma' Swor Katerina ta' Strasbourg,* tal-istess Eckhart, seta' kellu impatt fuq it-triq li ħadet Ġuljana. Hu f'dan l-istat profond tar-ruħ li Ġuljana tiltaqa' ma' Alla fit-talb li għalih ikkonsagrat il-ħajja kollha tagħha wara li kellha l-viżjonijiet. Hija kkultivat fiha d-dimensjoni kariżmatika.

Fl-Ingilterra Ġuljana ta' Norwich hi meqjusa bħala l-ikbar teologa Ingliża, flimkien ma' San John Henry Newman (1809-1890). Fis-seklu 20 inħoloq l-Ordni 'Ġuljana ta' Norwich'. Fi Franza, ix-xogħlijiet tagħha ġew tradotti għall-Franċiż, mhux mill-ewwel għax kienu mitfija mill-kitbiet ta' awturi oħra Ingliżi tal-epoka li setgħu influwenzaw il-kitbiet tagħha.

Fost dawn kien hemm dawk ta' Richard Rolle (1300-1349), eremit mistiku Ingliż, awtur u kompożitur, Walter Hilton (1300-1349), mistiku Agostinjan li l-kitbiet tiegħu kellhom influwenza fl-Ingilterra u f'Wales tas-seklu 15 u l-awtur anonimu Ingliż ta' *Is-Sħab tal-Inkonoxxenza*, meqjus fost l-aqwa kitbiet influwenti ta' spiritwalità.

___________

"Il-Mulej irrevelali żewġ xorta ta' misteri. Min-naħa, il-Misteru l-kbir u l-misteri partikulari li hemm fih. Alla jrid li aħna nagħrfu li dawn jeżistu imma jridu jibqgħu hemm sakemm hu jurihomlna b'mod ċar. Dawn huma s-sigrieti li jrid jgħaddilna biex inkunu nafuhom. Irid li jkun Hu li jikxifhomlna biex aħna nkunu nistgħu nagħrfuh, inħobbuh u nsiru ħaġa waħda miegħu.

Alla jrid li jkollna intelliġenza vera dwar dak li jmissna fit-talb, l-aktar dwar tliet ħwejjeġ. L-ewwel ħaġa hi dik li nkun nafu li Hu l-għajn tat-talb tagħna, u kif dan hu hekk. It-tieni hi li nagħrfu l-mod kif nutilizzaw il-ħin tagħna tat-talb. It-tielet hu li nagħrfu l-frott u l-fini tat-talb tagħna li huma li nkunu nixbhu lill-Mulej tagħna f'kollox u li nkunu magħqudin miegħu."

- Estratt mit-*Tielet Rivelazzjoni,* ta' Ġuljana ta' Norwich.

(Tista' tagħmel żjara virtwali fil-Katidral ta' Norwich kif inhu llum, fuq www. cathedral.org.uk)

## MEISTER ECKHART, ŻIFFA TA' LIBERTÀ

L-ewwel snin ta' ħajtu Eckhart għaddihom fir-raħal żgħir u grazzjuż ta' Erfurt, il-Ġermanja. Imbagħad ta' ħmistax-il sena huwa ngħaqad mad-Dumnikani ġewwa Tambach, ftit kilometri 'l bogħod minn fejn twieled. M'għaddiex wisq żmien qabel ma ngħata r-responsabbiltà ta' prijur, imbagħad ta' vigarju ġenerali ta' Thuringe, dak iż-żmien fl-Imperu Qaddis Ruman.



Meister Eckhart, 1260-1328

Id-dawl spiritwali tiegħu kien kbir tassew, kif jixhdu d-*Diskorsi Spiritwali*, it-taħditiet li fl-għaxijiet kien ikollu man-novizzi tiegħu u li fihom kien jispjega bil-mod qawwi tiegħu t-temi l-kbar tal-ispiritwalità. Spikkaw fih il-kwalitajiet intellettwali li ħaduh darbtejn Pariġi, bejn l-1302 u l-1313, fejn tqies bix-xieraq bħala professur straordinarju.

Imma wara dawn is-snin il-maltemp tal-*Ispirtu Liberu*, dak il-moviment psewdo-spiritwali u ta' raġunar imħawwad, ġab ħerba fil-kunventi Dumnikani u fil-beguinages (*) ta' Strasbourg. Biex jiġi evitat li ħafna jgħaddu għall-ereżija, kien hemm il-ħtieġa ta' xi ħadd ta' ħila li jsib soluzzjoni. Kien għalhekk li Eckhart ġie msejjaħ fi Strasbourg bħala vigarju ġenerali ta Tettonie bl-iskop li jassigura fil-patrijiet imġiba reliġjuża xierqa.

B'ħila u mingħajr ma jattakka lill-imseħbin tal-Ispirtu Liberu, Eckhart stieden għal livell ieħor, dak ta' ħajja tassew f'Alla, filwaqt li ħa l-frażi ta' San Massimu l-Konfessur: "Issir bi grazzja dak li Alla hu b'natura." Huwa għaraf juri xorta oħra ta' libertà spiritwali u l-prietki tiegħu ġibdu l-folol, bis-saħħa tal-verità evanġelika u ż-żiffa ta' libertà li l-Vanġelu jġib miegħu. Dan ma damx ma qajjem l-għira ta' xi wħud li wasslet biex ikun mibgħut Cologne, promozzjoni li fl-istess ħin kienet mod kif jitwarrab fil-ġenb bil-pulit.

*"Għalfejn Alla sar bniedem?*
*Biex Alla jitwieled fir-ruħ u r-ruħ titwieled f'Alla:*
*għal dan li nkitbet l-Iskrittura kollha,*
*għal dan li Alla ħalaq id-dinja u n-natura anġelika."*
- Meister Echart

F'Cologne l-inkwiet ġera warajh ukoll. Il-mod u l-kontenut tal-predikazzjoni ta' Eckhart m'għoġbux lil xi wħud minn sħabu li ħassewhom jitħawdu bil-libertà ta' kliemu. Kien hemm min beża' li se jitlef l-importanza li kellu, u dan minbarra r-reazzjoni tal-Franġiskani li storikament kienu opposti għad-Dumnikani. Eckhart ġie akkużat quddiem l-arċisqof ta' Cologne li ndaħal b'saħħa biex jikkundanna lit-teologu li deherlu li kien perikoluż.

L-ewwel evidenzi li tressqu kontrih kienu lista ta' temi li ma kienx hemm qbil dwarhom, mill-*Ktieb tal-Konsolazzjoni Divina*; imbagħad inġiebu xi siltiet mill-*Prietki* ta' Eckhart, kollha maqlugħin mill-kuntest tagħhom. Eckhart wieġeb b'*Apoloġij*a, fejn ma qagħadx lura milli juri l-għira tal-akkużaturi tiegħu u jikxef il-ħażen tal-proċess li kienu qed jgħadduh minnu. Id-Dumnikani kien warajh, u sħabu sqarrew li ma kellhomx dubju dwar il-ħajja qaddisa tiegħu. Imma hawn daħlu x-xhieda giddieba.

Il-proċess ħa fit-tul u l-akkużaturi baqgħu jwebbsu rashom kontra Eckhart. Għalhekk, megħjun mill-kapitlu ta' Cologne, huwa appella lis-Santa Sede fl-24 ta' Jannar tal-1327. Fit-13 ta' Frar iddefenda l-innoċenza tiegħu fil-knisja tad-Dumnikani ta' Cologne. Wara sar jaf li mhux biss ir-rikors tiegħu ġie miċħud imma kellu jiġġustifika t-teżi tiegħu f'Avignon quddiem il-Papa Ġwanni XXII.

Għalhekk ta' 70 sena rħielha bil-mixi lejn dik il-belt flimkien mal-proviċjal tiegħu, Henri de Cigno. Kien vjaġġ iebes li matulu kellu jaffronta wkoll il-maltemp u l-perikli mill-briganti u l-bhejjem selvaġġi. Mifni bil-għeja, Meister Echart miet fit-triq, ma nafux kif u fejn, bla ma laħaq iddefenda ruħu.

Il-bolla tal-Papa Ġwanni XXII inħarġet wara mewtu, fis-27 ta' Marzu tal-1329. Għalkemm Eckhart ma nstabx ħati għalkollox ta' ereżija, 28 proposta tiegħu ġew ikkundannati. Irid jingħad, iżda, li l-istess proposti kienu maqlugħin mill-kuntest u ħafna minnhom lanqas biss kienu miktubin minnu. Ġie kkritikat ukoll minħabba r-raġunar tiegħu bħala ragħaj tal-erwieħ.

Il-predikazzjoni tiegħu kellha għalhekk tiġi mrażżna biex it-teżijiet teoloġiċi kbar tiegħu ma jixterdux. Għall-mistiku Eckhart, l-għan tal-Inkarnazzjoni ta' Kristu kien li jwassal lil kull bniedem biex jidħol fl-istess ħajja tat-Trinità.

Quddiem ġerarkija li kien ħsiebha fiha nfisha u fil-ġid tagħha, ir-ritorn għall-Beatitudnijiet kif spjegat fil-*Prietka 52* ta' Eckhart kien diffiċli li jiġi aċċċettat. Dan ir-ritorn tqies bħala perikoluż u rivoluzzjonarju, meta r-rivoluzzjoni li rrikkmanda Eckhart ma kinitx ħlief dik tal-Vanġelu.

Mal-bolla tal-Papa deher li kollox kien tar mar-riħ u x-xogħol ta' Eckhart ma kellux ikompli jixtered. Minkejja kollox, iżda, it-tagħlim tiegħu tkompla fil-letteratura popolari u wkoll għax id-dixxipli tiegħu Ġwanni Tauler, Henri Suso u oħrajn issoktaw jaħdmu fuqu. Fis-seklu għoxrin il-ħsibijiet ta' Eckhart reġgħu ġew skoperti u saru aktar magħrufa. Fil-fatt kienet mixja spiritwali awtentika lejn dak li hu essenzjali, mixja li ġġib dak "it-twelid ta' Alla fil-qalb" li kien fil-qalba tal-predikazzjoni ta' Eckhart.

"Kull reċipjent ma jistax iżomm żewġ xarbiet f'daqqa.
Jekk fih inbid, irid bilfors jiżvojta mill-ilma.
Jeħtieġ li r-reċipjent ikun għeri u vojt.
Mela jekk trid tirċievi l-hena ta' Alla jeħtieġ li tiżvojta mill-kreaturi.
Jgħidu li jekk l-għajn ikun fiha xi lewn, meta tħares lejn xi ħaġa
ma tarax il-lewn li hemm fiha.
Iżda hija tara l-ilwien kollha meta ma jkun fiha l-ebda lewn.
Il-fatt li tkun għeri u fqir, li ma jkollok xejn u li tkun vojt, jittrasforma n-natura.
Il-vojt itella' l-ilma fil-qċaċet tal-muntanji u jagħmel ħwejjeġ kbar.
L-istess, li tkun għeri, fqir u distakkat mill-kreaturi, dawn kollha jerfgħu l-qalb lejn Alla.
(*Il-Konsolazzjoni Divina*, Meister Eckhart)

"Alla qiegħed id-dar; huwa aħna li ħriġna nagħmlu mixja."
"It-teoloġi jistgħu ma jaqblux, imma l-mistiċi tad-dinja jitkellmu bl-istess lingwa."
"Jekk l-unika talba li għedt f'ħajtek hi grazzi, dan hu biżżejjed."
"Dak li ddaħħal fik fil-kontemplazzjoni jfawwar 'il barra bl-imħabba."
"Il-prezz ta' meta ma nagħmlu xejn hu wisq ikbar mill-prezz ta' meta nagħmlu żball."
"Il-Mulej qalli ċajta. Kif rajtu jidħaq, għamilli ġid ħafna iktar minn kull Bibbja li qrajt."
"Kulma jrid Alla minni hi qalb fil-paċi."
(Meister Echart)

(*) Béguinage: Ara l-artiklu dwar Ġuljana ta' Norwich, *Kalendarju Museumin*, Mar/Apr 2022, p. 33, par. 3.

# SERAFIM TA' SAROV, KAMRA FIL-FORESTA

Fix-xitwa tal-2003 l-folol ta' nies li ngabru madwar il-fdal qaddis ta' San Serafim f'Sarov, ir-Russja, fiċ-ċentinarju tal-kanonizzazzjoni tiegħu, kienu xhieda tal-profezija tiegħu: "L-art tingħi bid-dmugħ u l-biki". L-Insara fir-Russja jaraw f'San Serafim il-konsolatur matul it-tbatija tal-poplu taħt il-ħakma Sovjetika. Iċċelebraw lill-mistiku f'Jannar tal-1833 meta ghal tmint ijiem għadd kbir ta' Nsara Ortodossi ntrassu fejn hemm il-qabar tal-eremit umli, biex jitolbu bl-interċessjoni tiegħu.

Il-ħajja ta' San Serafim ta' Sarov (1759-1833) tiġbor fiha l-kobor tal-ispiritwalità tal-Ortodossija Slava: il-għażla tal-iktar baxxi, il-ġmiel tal-liturġija, il-poplu li jbati, it-tfittxija axxetika, ix-xewqa għas-solitudni u t-talba perpetwa tal-qalb u b'mod speċjali l-ferħ tal-Għid.



San Serafim ta' Sarov, 1759-1833

**Mill-monasteru għall-foresta**

Id-dar ta' San Serafim kienet il-foresta, jgħix fil-qalba tagħha mal-annimali selvaġġi, jilqa' lil dawk li jżuruh, iħaddanhom miegħu filwaqt li jsefsef f'widnejhom: "Il-ferħ tiegħi, Kristu li qam mill-imwiet!"

Kienet ħajja ta' tbatija mill-bidu u f'waqtiet mhedda bil-perikli. Ta' seba' snin ħelisha ħafif f'waqgħa minn bini għoli. Meta kellu għaxar snin it-tobba qatgħuha li mhux se jgħix minħabba d-deni li

kien qed jifnih. Il-Madonna, li lilha kkonsagra ħajtu, kienet tidhirlu biex teħilsu mill-mewt. Serafim kien orfni minn missieru sa mit-tfulija. Ta' 17-il sena, bil-barka ta' ommu, kien milqugħ fil-monasteru. Kien fil-Laure des Grottes, monasteru fi Kiev, l-Ukranja, li patri għaref bl-isem ta' Dosithee ordnalu li jmur fid-'deżert' ta' Sarov. Hekk għamel fl-20 ta' Novembru tal-1778, lejlet il-festa tal-Preżentazzjoni ta' Marija fit-Tempju u qatt ma reġa' lura għad-dinja.

Issa li minn novizz intrabat bil-voti monastiċi, iż-żagħżugħ Serafim iddistingwa ruħu bl-osservanzza tar-radikalità tar-regoli spiritwali tal-monaċi bikrin Eġizzjani, tat-tagħlim tal-Missirijiet tas-Sinaj u tal-Muntanja Athos. Fis-sawm, fis-sagħriet, fis-salmi, fis-silenzju u fit-talb Serafim ħaddan l-aktar tradizzjonijiet għolja tal-Knisja Ortodossa.

**Ħajja ta' tbatija**

Mill-ġdid reġa' marad serjament b'marda li żammitu fis-sodda għal tliet snin, sakemm reġgħet dehritlu Marija, din id-darba fil-kumpanija tal-appostli Ġwanni u Pietru, li magħhom stqarret li: "Dan hu mir-razza tagħna." Minn hemm kotru f'ħajtu l-grazzji, id-dehriet u l-mirakli. Mal-ordinazzjoni saċerdotali ngħata l-permess li jmur joqgħod f'ċella fil-qalba tal-foresta, qrib il-monasteru.

Għadda 25 sena bħala eremit fil-foresta. Għall-ewwel kien jiekol ħobż mill-monasteru u ħaxix mill-ġnien tiegħu, imbagħad ħaxix biss. Kien jilbes ċoqqa qadima ta' għażel abjad, salib tal-ġild u żarbun taċ-ċarruta. Il-kenn tiegħu kien gorboġ magħmul minn twavel tal-injam b'xi oġġetti utli fosthom spiritiera kollha nugrufun.

Minn kontemplazzjoni għal oħra, Serafim kien jintilef fl-inviżibbli, bħallikieku l-ġenna nstabet mill-ġdid madwar l-axxetiku. Żdiedu dawk li jżuruh u lkoll kienu jistagħġbu kif jarawh jitbaxxa quddiemhom u jurihom tenerezza straordinarja. Għal xi ħin kien jiskot. Ma kinux jindunaw bil-kumbattimenti li Serafim kien ikollu fit-talb tiegħu. Darba qal: "Ix-xjaten huma tal-biża', l-aspett tagħhom terribbli."

"L-għan veru tal-ħajja tagħna
jikkonsisti fl-akkwist
tal-Ispirtu s-Santu Alla."

Fuq l-eżempju tal-*istiliti* tal-antik (monaċi axxetiċi li kienu jgħixu fuq kolonna jew fuq torri; *stiliti* ġejja minn San Xmun Stilita, 521-592), għażel għalih blata tal-granit li fuqha kien jgħaddi l-lejl, b'dirgħajh merfugħa lejn is-sema, itenni: "Mulej Ġesù Kristu, ikollok ħniena minni, midneb". Kienet storja ta' elf lejl.

Kien hemmhekk li kellu prova qawwija. Tliet ħallelin li kienu jiġġerrew fil-foresta għamlu għalih u tant tawh bil-maqbad tal-mannara tiegħu stess li ħallewh għal mejjet. Serafim ma lissinx kelma. Meta xehed fil-qorti, huwa ħafer lit-tliet ħallelin.

**Gwida spiritwali**

Imbagħad ġew snin ta' silenzju totali u axxeżi qawwija. Fil-25 ta' Novembru tal-1825 dehritlu l-Madonna u ordnatlu biex jitlaq mill-kamra tal-foresta tiegħu u jilqa' lil kull min xtaq jgħaddi s'għandu. Ta' 66 sena sar gwida spiritwali għal ħafna nies, jagħti pariri lill-patrijiet, lill-qassisin u lill-isqfijiet, u wessa' t-tjubija tiegħu għall-komunità tas-sorijet ta' Diveevo, viċin Sarov.

Kien jilqa' l-foqra, is-setgħana, l-għorrief, jeżorta lil xi wħud, ifejjaq lil oħrajn u jbierek lil kulħadd. Kellu d-don tal-profezija u l-ħila li jwieġeb qabel ma jqegħdulu l-mistoqsija. Daqskemm kien iebes miegħu nnifsu, daqshekk ieħor kien twajjeb u ġentili man-nies, dejjem jilqagħhom billi jinżel għarkupptejh quddiemhom. Ismu u l-eżempju tiegħu qajjem mill-ġdid il-fidi f'min sar jaf bih fir-Russja.

San Serafim kellu ħafna dixxipli. Wieħed minnhom kien lajk, negozjant Russu bl-isem ta' Nikolay Alexandrovich Motovilov. Il-kitbiet ta' San Serafim lil Motovilov fihom tagħlim sabiħ, l-aktar dwar l-iskop tal-ħajja Nisranija. Fost l-oħrajn insibu din is-silta: "Meta tkunu magħkusin, ejjew fuq il-qabar tiegħi u rrakkuntawli kollox, bħal meta kont ħaj, u jiena nikkunslakom." Id-dixxipli tiegħu madwar id-dinja jafu li San Serafin hu iktar ħaj mill-ħajjin.

San Serafim miet waqt li kien għarkupptejh quddiem l-ikona tat-Theotokos, bit-titlu ta' *Umilenie* li kien isejħilha l-"Ferħ tal-Ferħat Kollha". *Umilenie* tfisser tenerezza, u hekk turi lil Marija tħaddan ma' wiċċha lil Ġesù. Din l-ikona tinsab fil-kappella tar-residenza tal-Patrijarka ta' Moska. San Serafim kien idikjarat qaddis fl-1903.

"Dwar l-għan tal-ħajja tan-Nisrani, ħadd ma jagħtik l-ebda definizzjoni. Forsi jgħidulek: "Mur il-knisja, itlob lil Alla, ġib ruħek skont il-Kmandamenti u agħmel dak li hu tajjeb. Għax dan hu l-għan tal-ħajja Nisranija." Xi wħud li jkunu ndunaw bil-kurżità tiegħek, iweġbuk hekk: "Tfittixx dak li hemm 'il fuq milli tista' tifhem." Imma dan mhux il-mod kif kellhom iwieġbu. Jien ukoll, l-imsejken Serafim, se nispjegalek liema hu l-għan tal-ħajja Nisranija. It-talb, is-sawm, u l-prattiċi Nsara l-oħra, kemm qodma kif ukoll ġodda, eċċellenti kemm huma eċċellenti fihom infushom u li huma indispensabbli bħala mezzi, dawn mhumiex biżżejjed bħala għan tal-ħajja Nisranija. L-għan veru tal-ħajja tagħna jikkonsisti fl-akkwist tal-Ispirtu s-Santu Alla."

*(mill-kitbiet ta' San Serafim lil Victor Motovilov dwar l-Ispirtu s-Santu)*

# KWAJA AL-ANSARI, IL-'KAVALLERIJA SPIRITWALI'

Meta qed ngħixu fi żmien ta' tant vjolenza kontra r-reliġjon Nisranija, jidwi l-eku ta' poeta mistiku Musulman tas-seklu XI, Kwaja Abdallah al-Ansari, li mill-qalba tal-Afganistan jappella għal kumbattiment tassew qaddis, il-'kavallerija spiritwali'. L-istedina ta' dan il-mistiku hi kuntrast floku għal min jinqeda bir-reliġjon biex jiġġustifika l-avventuri vjolenti tiegħu.

Kwaja al-Ansari għex bejn l-1006 u l-1089. Jibqa' magħruf għad-difiża tiegħu tat-tradizzjoni, li minħabba fiha ma kienx iħares sabiħ lejn it-teoloġi, u għall-imħabba li kellu għar-rebbiegħa u għall-fjuri. Għadda ħajtu f'Ħerat, fil-punent tal-Afganistan tal-lum. Hu assoċjat ħafna ma' din il-belt tant li jsejħulu wkoll l-"Għaref ta' Ħerat", u l-qabar tiegħu hemmhekk hu post ta' pellegrinaġġi.




Kwaja al-Ansari mfakkar f'bolla, Tajikis

**Ir-Reqdin ta' Efesu**

Il-'kavallerija spiritwali', jew il-***futuwwa***, tfisser iż-'żgħożija ġeneruża' tar-ruħ, fuq l-eżempju taż-żgħażagħ tal-għerien, is-seba' reqdin ta' Efesu, magħrufin fit-tradizzjoni Nisranija u msemmijin fis-***sura*** (kapitlu) numru 18 tal-Koran. L-Iżlam isemmi s-seba' reqdin ta' Efesu, f'dan is-*sourate*, imsejjaħ ukoll is-***sura*** tal-għar', li jinqara fil-moskej kollha nhar ta' Ġimgħa. Skont dan ir-rakkont, fis-sena 127 wara Kristu, seba' żgħażagħ Insara kienu raqdu, f'għar qrib Efesu, it-Turkija, biex jaħarbu mill-persekuzzjonijiet li b'mod mirakuluż inħelsu minnhom.

Dan il-kult infirex fil-Lvant u fil-Punent. Jiġi ċelebrat fis-27 ta' Lulju fil-Knisja Latina u fit-23 ta' Ottubru u fl-4 ta' Awwissu jiġi ċelebrat fil-Knejjes tal-Orjent. Kull sena fil-Bretanja, Franza, f'Lulju jiġi organizzat pellegrinaġġ Iżlamo-Kristjan. Il-***futuww***a tikkonsisti f'li wieħed jagħti lil ieħor dak li ħaqqu u jirrispetta dak li l-liġi tal-Iżlam issejjaħ id-dritt tal-oħrajn, id-dritt ta' kull persuna u d-dritt ta' Alla. Kwaja al-Ansari jistieden għal dawn ir-regoli.

**Alla għandu fiduċja fil-bniedem**

Ta' min insemmu aspett mill-karatteristiċi tal-mistiċi Iżlamiċi. Dak li hu essenzjali għalihom hu ġej mis-**'sufiżmu'**. L-għajn tiegħu hi l-meditazzjoni tal-Koran, ir-ripetizzjoni tal-versi li jqanqlu l-qima u jidħlu fil-fond tar-relazzjoni intima ta' Alla mal-kreaturi. It-terminu '***sufi'*** deher fl-Iraq, bejn it-tieni u t-tielet seklu. Ifisser is-suf, jew xi ħadd liebes is-suf, b'referenza għall-axxeti Musulmani l-iktar bikrija li kienu jilbsu abitu ta' suf oħxon, bħall-ilbies tal-ewwel monaċi Nsara.

Kwaja al-Ansari għallem li l-Jiħad il-Kbira (il-gwerra qaddisa) mhix dik li wieħed iqajjem kontra nies oħrajn, imma hi l-ġlieda li wieħed irid jagħmel miegħu nnifsu. Kull bniedem hu maħluq fuq ix-"xbieha spiritwali" ta' Alla. Li tħobb lill-bniedem u tirrispettah mhix għajr mod ta' mħabba u rispett lejn Alla. Ansari jgħid: "L-ebda bniedem ma jitqies li jemmen jekk ma jixtieqx għal ħuh dak li jixtieq għalih innifsu." U jżid dak li jgħallem il-Profeta: "Min jemmen hu l-mera ta' min jemmen."

Biex nieħdu idea tal-'kavallerija spiritwali' rridu mmorru għall-ħolqien ta' Adam kif rakkuntat fil-Koran. Alla ddeċieda li joħloq rappreżentant tiegħu fuq l-art. Dan xejn ma għoġob lill-anġli, li kienu ġa maħluqa, għax dawn kienu jħarsu mill-għoli lejn il-bniedem, maħluq mit-tajn tal-art, bħala kreatura ta' ftit siwi.

Għall-anġli l-bniedem kien ħlejqa msejkna u ma kellux il-ħila jasal biex itemm il-missjoni afdata lilu mingħajr ma jiżra' d-demm u dak li hu ħażin. Imma Alla, jgħid il-Koran, kellu pjan għall-bniedem li għall-ewwel ġie injorat mill-anġli. Fl-aħħar, l-anġli aċċettaw li jobdu lil Alla u jinżlu għarkupptejhom quddiem Adam, ħlief għal wieħed minnhom, Iblis, li sar ix-xitan (*Shaytan*), l-avversarju dikjarat tal-ġeneru uman. Iblis jitlob lil Alla li jħallih jipprova lill-bniedem, u Alla, għax jemmen fil-bniedem, jagħti lil Iblis is-setgħa tat-tentazzjoni.

Dan iwassal biex Al-Ansari jqiegħed il-mistoqsija lil dawk li jemmnu, jiġifieri lil dawk li huma l-imsieħba fir-reliġjon Iżlamika: "Aħna nemmnu fil-bniedem bħalma Alla jemmen fil-bniedem?" Għax jista' jkun li ħafna drabi aħna naqghu fid-dnub ta' Iblis. Inħallu lix-xitan jirbħilna, u nibdlu lil Alla ma' xi ħaġa oħra. Jew li jkollna idea tant għolja tagħna nfusna li ninsew li aħna limitati filwaqt li Alla hu tassew kbir. Hu għalhekk li l-Musulmani jibqgħu fit-talb tagħhom jistqarru għal ħafna drabi: "*Allahu akbar*", "Alla hu ikbar". Dan biex jitkissru l-allat li jkunu ssawru fina.

Ansari jwiddeb li dawk li jinsew il-fiduċja li Alla qiegħed fil-bnedmin u jibdew jaraw lix-xitan f'kull ħaġa, minbarra fihom infushom. Il-pendlu tal-imħabba lejn Alla hu l-imħabba lejn il-bnedmin, li fihom min jemmen isir jaf kif jaqra l-preżenza misterjuża ta' Alla. Il-fidi vera ta' Alla tqanqalna biex naħfru lill-oħrajn u biex nikkorreġu d-difetti tagħna, mhux li niżirgħu l-mewt u d-deżolazzojni fl-isem ta' dak li, kif ifakkar il-Koran fil-bidu ta' kull ***sura*** tiegħu, li Alla hu Alla ta' mħabba u ta' ħniena.

**Ġenerożità u libertà**

Kwaja al-Ansari jispjega l-'kavallerija spiritwali' hekk. "Hi li tgħix fil-ġenerożità u fil-libertà li tingħex fi tliet modi: l-ewwel kif iġġib ruħek mal-bnedmin, it-tieni kif iġġib ruħek miegħek innifsek u t-tielet kif iġġib ruħek ma' Alla. Kif tagħmel dan? Li tagħmel ħiltek, kif tista', għas-servizz ta' Alla. Li qatt ma twarrab lill-bnedmin minħabba d-difetti li int taf dwarhom. Miegħek innifsek fis-sens li qatt ma taċċetta s-seduzzjoni tal-laħam u tat-tiżjin tal-persuna tiegħek."



Pittur tipika Iżlamika,
Abousoubhi Tinaxi, 1888-1973

Il-mod kif tmur ma' Alla fih tliet sinjali: qatt tieqaf milli tfittex l-għerf, qatt tieqaf milli tiftakar fih u agħmilha ma' nies virtużi. Il-mod kif tmur man-nies fih tliet sinjali: toqgħodx tistħajjel f'moħħok dak li ma tafx dwarhom, aħbi dak li taf dwarhom, interċedi għal dawk li jemmnu. Il-mod kif tmur miegħek innifsek ukoll fih tliet sinjali: aħdem biex issib liema huma l-ħtijiet tiegħek u qis id-difetti tiegħek bħala ħżiena, ara li tirringrazzja lil Alla għall-grazzji tiegħu u għix fil-biżà li titbiegħed minn dak li hu tajjeb. (Mill-ktieb *It-Triq ta' Alla*, ta' Kwaja Abdallah al-Ansari.)

Il-ktieb *It-Triq ta' Alla*, hu wieħed mid-diversi kitbiet ta' Kwaja al-Ansari. Jikkonsisti fi tliet trattati spiritwali, wieħed minnhom dak li kkwotajna, *Il-Mitt Art*. Fil-ktieb *Għajjat tal-Qalb*, Al-Ansari jiżviluppa t-temi tal-vjaġġ, tad-dawl, tal-ilma u tan-nar, u tas-sofferenza u l-mard, li kollha jwasslu għat-tfittxija tiegħu ta' Alla. *Il-Ktieb tal-Għerf* hu ktieb għażiż għall-Musulmani; fih l-essenza tal-ħajja spiritwali fit-tradizzjoni Iżlamika. Ħafna huma l-Musulman li jitgħallmu bl-amment il-poeżiji li fih dan il-ktieb.

# TEREŻA TAL-BAMBIN ĠESÙ, "IL-VOKAZZJONI TIEGĦI HI L-IMĦABBA"

Tereża ta' Lisieux bilkemm kellha 23 sena meta kienet diġà taf kif għandha tippjana l-kors ta' ħajjitha.

Ftit kliem fuq Salm 88 jagħtuna ħjiel tas-sigriet tal-ferħ tagħha: "Ilni ħafna nistaqsi lili nnifsi għaliex kien hemm qaddisin kbar li rċevew favuri straordinarji u għaliex ħafna nies imsejkna jmutu mingħajr ma jisimgħu l-kelma ta' Alla? Allura Ġesù qegħidli quddiemi l-ktieb tan-natura u jien fhimt li l-fjuri kollha li Alla ħalaq huma sbieħ; li l-ilwien tal-warda, bħall-abjad tal-ġilju ma jneħħux il-fwieħa tal-vjola jew is-sempliċità tal-margerita. Hekk aħna fid-dinja, li hi l-ġnien ta' Alla. Huwa ħalaq il-qaddisin il-kbar, imma ħalaq ukoll iż-żgħar u jħares lejn kulħadd bl-imħabba. Ħajjitna għandha tkun sforz kontinwu biex nagħmlu l-volontà tiegħu u nkunu dak li jridna nkunu." (minn *Storja ta' Ruħ*, manuskritt A.)



*Tereża, ta' 13-il sena, ritratt Frar 1886*

Il-fjura ż-żgħira kienet Tereża, l-iċken fost ħamest ibniet. Erbgħa oħra minn ħutha kienu mietu qabel ma twieldet Tereża, f'Alencon, fl-1873 u hi stess għal ftit ma marritx ukoll. Imbagħad tilfet lil ommha kawża ta' kanċer f'sidirha. Tereża kellha biss 4 snin. Kien xokk terribbli għal tifla ċkejkna ta' karattru hekk qawwi u ferrieħi. 'Il quddiem kitbet: "Jiena, hekk fuq ruħi, sirt mistħija u sensittiva għall-aħħar, ma ridtx li xiħadd jinkweta għalija biex inkun kuntenta."

Saħħitha ddgħajfet u ħakimha wġigħ ta' ras qawwi. Donnu ma kienx biżżejjed hekk kif oħtha Pawlina, li saret it-tieni omm tagħha, ħasditha meta qaltilha li se tingħaqad mal-Ordni tal-Karmelu, u Tereża waqgħet f'marda mentali serja. Imbagħad ta' 10 snin, f'Pentekoste, kellha xi dehriet fil-ħolm u rat l-istatwa tal-Verġni Marija titbissmilha.

*"L-imħabba tal-Mulej tirrevela ruħha wkoll ħafna fl-erwieħ l-aktar sempliċi li ma jirreżistu xejn għall-grazzja f'ruħ li tkun tant sublimi."*

Tereża rċeviet minn kmieni l-grazzja li titlob mingħajr sforz. L-Ewwel Tqarbina tagħha kienet

bewsa ta' mħabba lil Ġesù. Madankollu l-mistika żagħżugħa għaddiet minn esperjenza ta' dgħufija li ma setgħetx tirbaħha, bħall-esperjenza animata minn xewqat kbar konfrontati bil-limitazzjonijiet ta' saħħitha, ħsiebha u tar-ruħ imqallba tagħha.

Wara li fieqet, Tereża baqgħet sensittiva u mikduda mill-iskrupli, sal-lejl tal-Milied tal-1886, meta rċeviet il-"grazzja li noħrog mit-tfulija tiegħi, f'kelma oħra l-grazzja tal-konverżjoni sħiħa tiegħi." Waslet biex ipperswadiet lil missierha jħalliha tmur Ruma ħalli titlob permess mill-Papa biex tidħol mal-Karmelitani, fl-età ta' 15-il sena. Kellha xewqa waħda: li tħobb lil Ġesù, li twieġeb għall-imħabba tiegħu u taħdem b'saħħitha kollha biex il-bnedmin ikollhom il-ferħ li jagħrfuh u li jaqduh.



*Is-soru Tereża, ritratt Novembru 1894*

Faċli tgħid li twieġeb għall-imħabba ta' Ġesù, imma Tereża għamlet dan tassew permezz ta' esperjenza oħra: riedet twieġeb għall-imħabba ta' Ġesù bl-istess imħabba tagħha, bir-riskju li tikkonċentra fuqha nfisha. Minkejja r-rieda tagħha li tkun ġeneruża, xi drabi kienet turi nuqqas ta' paċenzja minħabba t-temperament nervuż li kellha. Imbagħad infirxet quddiemha l-iskoperta l-kbira fil-qalba tal-fidi Nisranija li saret ir-ruħ tat-"triq iż-żgħira". Dak li Alla jistenna minna hu li qabelxejn nagħrfu li aħna maħbubin minnu u li ninħabbu miegħu mingħajr kundizzjoni. Alla jħobbna, nagħmlu x'nagħmlu. Ikun dejjem qabilna bl-imħabba tiegħu. Mhux għalhekk sar wieħed minna, u għamel dan minn jeddu? L-imħabba ta' Alla revelata fi Kristu titbaxxa biex aħna nkunu nistgħu nilħquha fid-dgħufija tagħna. Ngħabbuh bil-fraġilità tagħna u ngħixu l-imħabba miegħu. Jiġi jfittixna kull fejn inkunu.

Tereża tispjega hekk lil waħda min-novizzi li kienet qed tiskuraġġixxi ruħha minħabba n-nuqqasijiet tagħha: "Inti ġġegħalni naħseb f'tifel żgħir li beda jqum bilwieqfa, imma għadu ma jafx jimxi. Jixtieq imur ħdejn ommu fit-tarf tat-taraġ, jerfa' sieq waħda biex jagħmel l-ewwel pass, imma għalxejn. Tagħmel tajjeb li tkun bħal dak iċ-ċkejken. Bil-prattika tal-virtujiet kollha pprova tella' r-riġel żgħir tiegħek biex titla' t-taraġ tal-qdusija. Għandu mnejn ma jirnexxilekx titla' l-ewwel tarġa, imma Alla hu tant tajjeb li ma jitolbokx ħlief il-volontà tiegħek. Mirbuħ malajr mill-isforzi inutli tiegħek, jinżel ħdejk Huwa stess u jħaddnek f'dirgħajh u jilqgħek għal dejjem fis-saltna tiegħu." It-triq iż-żgħira toqgħod tajjeb ma' min għandu xewqat kbar.

Ħajjet Tereża tidher hekk sempliċi, minn barra. M'hemm xejn li jirrifletti n-nar interjuri tagħha. Għall-imħabba ta' Ġesù Tereża kienet tiċċaħħad mix-xewqat tagħha bħal, ngħidu aħna, li sserraħ daharha mas-siġġu. Kienet ukoll tipprattika s-sawm b'mod rigoruż. Fi sbiħ il-Ġimgħa l-Kbira, it-30 t'April 1895 indunat li bdiet tneħħi d-demm minn ħalqha. Fl-istess żmien daħlet ukoll fil-lejl mudlam tar-ruħ. It-tuberkolożi baqgħet tiggrava sakemm temmitilha ħajjitha fl-età ta' 24 sena, fit-30 ta' Settembru 1897.

Meta nsemmu l-kelma mistiku jew mistika, jiġuna f'moħħna grazzji straordinarji. Xejn minn dan għal Tereża. Bil-maqlub ta' Tereża ta' Avila, fil-Karmelu ta' Lisieux Tereża tal-Bambin Ġesù la kellha viżjonijiet u lanqas estasi. Tikteb: "Lili, Ġesù qatt ma kellimni". Għaliha l-ħajja mistika kienet ħajja fejn wieħed jagħmel l-esperjenza tal-preżenza ħajja u dejjiema ta' Alla ġo fih.

*"Li mmut bl-imħabba,*
*Din hi t-tama tiegħi.*
*Meta niġi biex ninfired minn dak li għandi,*
*Il-Mulej tiegħi jkun il-premju tiegħi.*
*Ma rridx li jkolli ħwejjeġ oħra.*

*Irrid inkun imbewsa mill-imħabba tiegħu.*
*Irrid narah, ningħaqad miegħu, għal dejjem.*
*Din hi l-ġenna tiegħi, dan hu d-destin tiegħi.*
*Li ngħix l-imħabba."*
*Silta minn 'Il-Kitbiet Kollha', ta' Santa Tereża*

Ħajti mhix għajr mument, siegħa li tgħaddi.
Hi ġurnata waħda li toħroġ minn idi u taħrabli.
Taf, Mulej! Biex inħobbok fuq din l-art.
*M'għandi xejn ħlief illum.*

Inħobbok, Ġesù. Fik ruħi tittama.
Għal jum wieħed biss ħallini nserraħ fuqek.
Ejja saltan fil-qalb tiegħi, agħtini t-tbissima tiegħek.
*Xejn ħlief din għal-lum.*

X'jimporta li l-futur hu sewdieni?
Nitolbok għal għada, imma le, ma nistax.
Agħtini ruħ safja, għattini bid-dell tiegħek.

Jekk noħlom dwar għada, nibża'.
Inħoss fija d-dwejjaq ta' dak li ma nafx.

Irrid narak fix-xatt.
Int il-pilota divin, li tmexxini minn idejja.
Fuq il-mewġ qalil iggwida fil-paċi d-dgħajsa tiegħi.

Ħallini nistaħba fil-wiċċ tiegħek.
Hekk ma nismax id-dinja bil-ħsejjes tagħha.

Ħdejn qalbek ninsa x'inhu għaddej.
Ninsa l-biża' tal-lejl.
Agħtini, Ġesù, post fil-qalb tiegħek.

Ħobż ħaj, ħobż tas-sema, Ewkaristija divina.
Misteru qaddis. Kemm nissilt imħabba.
Ejja f'qalbi, Ostja bajda tiegħi.
Verġni bla tebgħa ħallini nisrieħ fil-mant tiegħek.
Anġlu Kustodju, għattini bi ġwenħajk.
Dawwalli t-triq tiegħi.

*(Silta minn waħda mill-ewwel poeżiji li Tereża kitbet fl-1 ta' Ġunju 1894 bl-isem ta' 'L-Għanja Tiegħi tal-Lum'.)*

# CHARLES DE FOUCAULD, IS-SEJĦA TAD-DEŻERT

Fil-kitbiet tiegħu, Charles De Foucauld kien iħobb jirrepeti mit-tradizzjoni Ebrajka li "Alla jinsab fejn inħalluh jidħol". Jeżorta li biex Alla jgħammar f'qalbna jeħtieġ li neħilsu minn ġo fina dak kollu li jista' jingombra u jfixkel milli l-Ispirtu s-Santu jgħix fina.

It-tradizzjoni biblika u patristika li Fra Charles jirreferi ħafna għaliha fl-ittri tiegħu turi d-deżert bħala l-aħjar post fejn wieħed jinża minnu nnifsu biex biex ikun jista' jiltaqa' ma' Alla. Għalih id-deżert kien l-ispazju fiżiku u spiritwali fejn kollox iwassal għall-essenzjal, fejn il-firxa tal-orizzonti u n-nuqqas ta' l-istorbju jħajru għas-silenzju u għall-attenzjoni tas-sejħa t'Alla.



*Charles de Faucould, 1858-1916*

Niftakru li kien fid-deżert fejn kien jidwi l-kmand mogħti minn Alla lill-poplu tiegħu: "Isma', Iżrael!" Mela li taqsam id-deżert ifisser li wieħed jinfatam minn kollox biex il-Mulej ikun jista' jsaltan fih, ikun jista' jeżerċita' s-superjorità tiegħu fuq ħajjietna miżerabbli. Id-deżert jikxef il-maskri ta' ħafna ipokreziji tagħna u jqegħidna għerja quddiem il-Mulej.

Patri Ives Congar, teologu eminenti li kien wieħed mill-arkitetti tal-Konċilju Vatikan II, jgħid li Charles de Faucould, l-eremit tad-deżert kien, flimkien ma' Santa Tereża ta Lisieux, "wieħed miż-żewġ fanali li dawwlu s-seklu 20".

Charles de Faucould twieled fi Strasburgu fl-1858. Safa orfni meta kellu 6 snin u trabba minn nannuh. Kien tifel imfissed imma mogħni b'ħiliet. Ta' 18-il sena daħal fl-Akkademja militari ta' Sanit-Cyr, imbagħad fl-iskola tal-kavallerija ta' Saumur. Hawn Charles kien il-lokutenent fuq tiegħu, ħabib tan-nisa u tal-inbejjed fini.

Fl-1882 telaq mill-armata u mar jesplora l-Marokk, liebes ta' rabbin. Tgħallem l-Arbi u l- Lhudi u terraq mal-pajjiż kollu, ukoll fejn ma setax jidħol. Kien hemmhekk li ħajtu nbidlet.

"L-Islam ġab fija taqlib profond, id-dehra ta' din il-fidi, ta' dawn l-erwieħ li jgħixu kontinwament fil-prezentza t'Alla ġabuni nara xi ħaġa iktar, u vera iktar mill- preokkupazzjonijiet tad-dinja." Hekk kiteb Faucould fit-8 ta' Lulju 1901. Reġa' lura Parigi u beda jiffrekwenta l-knejjes u jitlob lil Alla li jagħtih id-dawl biex jagħrfu. Iltaqa' mieghu, f'għodwa f'Ottubru tal-1886 fil-knisja ta' Santu Wistin, fejn qerr għand l-abbati Huvelin, ħabib tal-familja. "Meta emmint li hemm Alla, fhimt li ma stajtx nagħmel mod ieħor milli ngħix għalih".

Minn hemm 'il quddiem ħajtu saret waħda għal Alla, tfittxija għall-assolut, għas-solitudni u l-meditazzjoni, u imitazzjoni mill-aktar totali tal-ħajja ta' Ġesù fil-faqar tal-Vanġelu. Wara li għadda xi żmien fl-abazija ta' Notre Dame des Neiges, f'Ardeche, imbagħad fl-Art Imqaddsa u fis-Sirja, fl-aħħar kien fis-Sahara Alġerina li ħadu l-Ispirtu s-Santu. Malajr waqqaf fraternità miftuħa għal kulħadd, Insara u Musulmani.

Fl-1905 mar joqghod Tamanrasset. "Hemm fejn lanqas hemm tabernaklu, biex Ġesu jkun preżenti." F'din ir-rokna mitlufa tal-pjaneta, laqa' għandu lil dawk kollha li kienu miġbudin mill-kariżma tiegħu.

Fl-1 ta' Diċembru 1916 ġie assassinat fil-bieb tal-eremitaġġ tiegħu. Ix-xewqa tiegħu ta' oblazzjoni lil Alla nsibuha f dak li wettaq: "Alla tiegħi, f'idejk biss nitlaq lil ruħi. Agħmel bija dak li trid."

Charles de Faucould kien beatifikat mill-Kardinal Jose Saraiva Martins f'isem il-Papa Benedittu XVI fit-13 ta' Novembru 2005 u dikjarat qaddis minn Papa Franġisku fis-27 ta' Mejju 2020.

*Mill-ittri ta' Charles de Faucould lill Patri Jerome, 19 ta' Mejju 1898*

"Hemm bżonn tgħaddi mid-deżert u toqgħod hemm biex tirċievi l-grazzja ta' Alla: hemm li wieħed jara, li wieħed ikeċċi minnu dak kollu li mhux Alla u fejn jara d-dar ckejkna tar-ruħ tagħna tħalli kollox, biex tagħti post biss għal Alla."

"Il-Lhud għaddew mid-deżert. Mosè għex hemm qabel ma ngħata l-missjoni tiegħu. San Pawl, San Ġwann Griżostmu kien fid-deżert li wkoll kellhom esperjenza spiritwali."

"Hu indispensabbli. Hu żmien ta' grazzji, perjodu li bih ir-ruħ kollha trid tgħaddi biex tagħmel il-frott."

"Hemm bżonn is-silenzju, il-ġabra, li tinsa' dak kollu maħluq, fejn f'nofsu Alla bena r-renju tiegħu u jifforma l-ispirtu interjuri."